ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi

Ewlenin

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

**ID-DISA' SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) L-ISKEMA TAL-MARKI**

**Tema 1**

1. il-Belt Valletta (1)
2. Sabiex toffri difiża aħjar. (2)
3. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu tnejn minn*:
kellu jkun post għall-kenn tax-xwieni; minnu nqata' l-ġebel li ntuża fil-bini tal-Belt Valletta; fih marru joqogħdu nies foqra; fih kont issib djar żgħar u b'nuqqas ta' faċilitajiet. (2)
4. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu waħda minn:*
għax fih kien joqgħod il-Gran Mastru tal-Ordni; għax fih kien jiltaqa' l-Kunsill tal-Ordni li kien jieħu deċiżjonijiet dwar it-tmexxija tal-Ordni u ta' Malta. (2)
5. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu waħda minn:*
bħala l-Uffiċċju tal-President ta' Malta; huwa post miftuħ għat-turisti sabiex iżuru l-Kmamar Statali; fih insibu wkoll l-Armerija. (2)

**(Total: 9 marki)**

**Tema 2**

6. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu waħda minn:*
Sabiex toffri difiża aħjar; sabiex ikun aktar faċli li tintlaħaq minn kull parti ta' Malta. (2)
7. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu waħda minn:*
Minħabba li kienet tiġi attakkata; sabiex in-nies ta' Malta jfittxu kenn wara s-swar tagħha f'każ ta' attakk. (2)
8. nobbli (1)
9. l-Assedju l-Kbir; l-Assedju tal-1565 (1)
10. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu waħda minn:*
Sabiex ikunu viċin il-portijiet; għax l-Ordni kienet qawwa marittima u għalhekk riedet li jkollha ċ-ċentru ta' tmexxija qrib ix-xwieni. (2)
11. Forti Sant'Anġlu (1)

**(Total: 9 marki)**

**Tema 3**

12. *Aċċetta żewġ xogħlijiet minn:* qaddiefa; baħrin; suldati; koki; mastrudaxxi; tobba; qalfata; kurdara; dawk li jagħmlu l-qlugħ. (2)
13. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu waħda minn:*
qed turi t-twelid ta' tarbija u l-omm qed tirċievi żjara minn familjari; mara marida fis-sodda fejn ġew iżuruha qraba u ħbieb; nisa nobbli mdawrin ma' mara fis-sodda. (2)
14. *Agħti marka waħda għal kull risposta tajba:* it-tlielaq taż-żwiemel; fil-festa tal-Imnarja. (2)
15. *L-istudenti fost l-oħrajn jistgħu jsemmu wieħed minn:*
fit-taverni u fil-ħwienet tax-xorb; fil-karnival; fil-festi reliġjużi u oħrajn mhux reliġjużi; fil-festa tat-tieġ; l-għana. (1)

**(Total: 7 marki)**

**Total tal-karta: 25 marka**